**28 ta' Frar, 1994**

**Imħallfin:-**

**S.T.O.Prof. Guseppe Mifsud Bonniċi LL.D. – President.**
**Onor Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor Noel V. Arrigo LL.D.**

Rosalie Mifsud *et*

*versus*

Carmelo Pace Gasan *et*

**Mewt - Nullità ta' Deċizjoni**

*Hija ġurisprudenza paċifika u kostanti ta' din il-Qorti li meta l-mewt ta' waħda mill-partijiet tissuċċedi fiż-żmien bejn il-ġurnata li l-kawża tkun fi stat li tista' tiġi deċiża u dakinhar li tiġi pronunzjata s-sentenza, ma tirrikorri ebda raġuni ta' nullità.*

*Il-kunċett tal-"jus superveniens" ilu magħruf fil-ġurisprudenza.*

Il-Qorti: –

Rat is-sentenza tal-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba' ta' l-14 ta' Ġunju, 1991, li ddeċidiet hekk:-

"Il-Bord, ra r-rikors tar-rikkorenti fejn ippremettew....;

*Omissis;*

Għal dawn il-motivi kollha;

Jiddeċidi billi jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha sollevati mill-intimat u jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jawtorizzah jirriprendi l-pussess tal-għalqa u tar-razzett in kwistjoni u jiffisa għall-finijiet l-iżgumbrament it-termini ta' tliet (3) xhur millum;

Spejjeż kontra l-initmat'';

*Omissis;*

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' Joseph Abela, bin l-intimat Nikola Abela, li fil-persuna tiegħu ġie trasfuż il-ġudizzju stante l-mewt ta' Nikola Abela, kif ukoll bħala terza persuna interessata, tat-3 ta' Lulju, 1991, fejn ukoll talab lil dina l-Qorti tiddikjara nulla u tirrivoka s-sentenza appellata;

Rat ir-risposta tar-rikorrenti, Rosalie Mifsud et. għar-rikors ta' l-appell ta' Joseph Abela, bin l-initmat Nikola Abela, li fil-persuna tiegħu ġie trasfuż il-ġudizzju stante l-mewt ta' Nikola Abela, kif ukoll bħala terza persuna interessata, ippreżentata fid-19 ta' Awissu, 1991, fejn talbu lil din il-Qorti tiddikjara null ir-rokors ta' l-appellant u tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata;

Rat l-atti kollha l-oħra tal-kawża;

Semgħet it-tratazzjoni tal-partijiet tramite d-difensur tagħom;

Illi qabel ma tiġi biex tiddeċidi dwar il-mertu sostanzjali tal-kawża hemm żewġ punti proċedurali li jridu jiġu deċiżi. L-ewwel punt huwa dawk imqajjem mir-rikorrent intimat, Cristino Abela fir-rikors ta' l-appell tiegħu, *fejn jgħid li ferm qabel il-*

pronunzjament tas-sentenza appellata fl-14 ta' Ġunju, 1991, miet l-intimat Nikola Abela u qatt ma saru l-proċeduri neċessarji għat-trasfuzjoni tal-ġudizzju konsegwenti għall-mewt tiegħu;

Għal dawn ir-raġunijet jgħid li din is-sentenza tal-Bord xorta ngħatat u għandha tirrendi s-sentenza nulla u ineffikaċi għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi. Din it-trasfuzjoni fil-fatt saret fit-3 ta' Lulju, 1991, fl-istadju ta' l-appell permezz ta' nota li għamel Joseph Abela, bin il-mejjet l-intimat, Nikola Abela, u għal dan l-aggravju r-rikorrenti rrispondiet permezz tar-risposta tagħha;

L-appellant Joseph Abela, preliminarjament, għalhekk, kif intqal, eċċepixxa li s-sentenza appellata hija nulla għaliex ingħatat fil-konfront ta' missieru Nikola Abela li kien miet fil-mori tal-kawża, qabel ma ġiet ippronunzjata s-sentenza;

Il-fatti rilevanti fuq dan il-punt huma illi (a) fis-seduta tat-3 **ta' Novembru, 1989**, ġie rreġistrat li l-kawża hija differita għas-sentenza għas-26 ta' Jannar, 1990 (fol.92); (b) fit-**28 ta' Diċembru, 1989**, miet Nikola Abela (fol.132); u (c) fl-**14 ta' Ġunju, 1991**, ġiet ppronunzjata s-sentenza;

Hija ġurisprudenza paċifika u kostanti ta' din il-Qorti almenu għal dawn l-aħħar sebgħin sena, u ċjoè mis-sentenza ta' l-10 ta' Ġunju, 1925, fl-ismijiet V. Serra vs. R. Serra, (Vol, XXVI.I.pag.179 et seq.), li f'dawn iċ-ċirkostanzi, meta l-mewt ta' waħda mill-partijiet tissuċċidi fiż-żmien bejn il-ġurnata li l-kawża tkun fi stat li tista' tiġi deċiża u dakinhar li tiġi ppronunzjata s-sentenza, ma tirrikorri ebda raġuni ta' nullità;

Din l-eċċezzjoni għalhekk hija frivola u vessatorja;

It-tieni punt proċedurali li jrid jiġi deċiż qabel ma din il-Qorti tgħaddi biex tiddetermina dwar il-mertu sostanzjali tal-kawża huwa l-punt *imqajjem mill-appellata fir-risposta tagħha* ppretendiet illi peress illi d-digriet li bih din il-Qorti aċċettat it-talba ta' Joseph Abela għat-trasfuzjoni ta' l-atti f'ismu minħabba l-mewt ta' missieru Nikola Abela, għandu d-data ta' l-4 ta' Lulju, 1991, *mentri r-rikors ta' appell tiegħu ġie ppreżentat minnu*, u f'ismu, ġurnata qabel, fit-3 ta' Lulju, 1991, allura dak l-appell huwa null, billi ġie ppreżentat minn persuna li ma kinetx fil-mument parti in kważa;

Din il-Qorti tirrikjama, l-ewwelnett, dak li kienet qalet f'sentenza tagħa ta' l-24 ta' Jannar, 1964, fl-ismijiet Dr.Joseph Ellul noe. vs. Joseph G. Coleiro:-

"...din il-Qorti ma tkunx qiegħda tgħid ħaġa ġdida jekk tafferma li tant fid-dottrina kemm fil-ġurispundenza nostrali u estera, dejjem ġie rritenut li kemm jista' jkun l-atti għandhom jiġu salvati, anzicche annullati, jew dikjarati nulli. Lanqas jista' jiġi nnegat li l-ġiurisprudenza tagħha applikat ċerta liberalità...";

Hija l-prattika forensi illi ħafna drabi, meta jkun hemm bżonn li jiġi ppreżentat att ġudizzjarju kontra persuna li ma tkunx f'dawn il-gzejjer, ir-rikors għan-nomina ta' kuraturi biex jirrappreżentaw dik il-persuna, jiġi ppreżentat kontestwalment ma' l-atti prinċipali, ġeneralment, ittra uffiċjali jew protest ġudizzjarju, u din il-kontemporanjetà fil-preżentata ta' l-atti issir ukoll meta min jippreżenta l-atti jitlob li jiġi awtorizzat li jippreżenta l-atti li, fil-fatt ikun diġà ppreżenta. Kollox jiddependi minn dik li l-Qorti tissanzjona o meno wara li dawk l-atti jkunu ġew ppreżentati: artikoli 806 u 807 tal-Kap. 12;

Il-kunċett tal-"*jus superveniens*" ilu magħruf fil-ġurisprudenza. U difatti d-digriet tal-Qorti mogħti fl-4 ta' Lulju, 1991, li awtorizza li l-atti tal-kawża jiġu trasfużi f'isem Joseph Abela, billi missieru, Nikol Abela miet waqt il-kawża jikkostitwixxi sempliċement konferma proċedurali tad-dritt ta' l-eredi li, bħala tali, jinkludi ismu bħala l-parti ġdida fil-kawża bis-saħħa tad-dritt ta' suċċessjoni. Għalhekk proprjament dak id-dritt għat-trasfuzjoni tal-ġudizzju kien jeżisti sa mill-mument li l-eredi aċċetta l-eredità . Dak id-dritt jiġi eżerċitat permezz tar-rikors u d-digriet huwa r-rikonoxximent tal-validità ta' dak id-dritt.

Għalhekk hawnhekk il-prinċupju tal-jus supervenies jirċievi wieħed mill-aktar applikazzjonijiet ċari u preċiżi tad-dritt proċedurali (ara fl-istess sens, is-sentenza ta' din il-Qorti tas-27 ta' Ottubru, 1958, fl-ismijiet M. Ċini pr. et. ne. vs. p. Galea et. – Vol. XLII.I.517);

*Omissis;*

L-aħħar punt li jrid jiġi kkunsidrat minn din il-Qorti huwa dak ta' l-intimat Nikola Abela li jirriżulta li kien jabita f'razzett fl-għalqa in kwistjoni. Dan huwa anke ammess mir-rikorrenti Rosalie Mifsud li tgħid hekk fix-xhieda tagħha;-

"Nista' ngħid li l-intimat Nikola Abela u l-mara tiegħu *jigħxu f'din l-għalqa in kwistjoni u cjoè jabitaw f'din l-għalqa* in kwistjoni, filwaqt li l-intimati l-oħra ma jabitawx hemmhekk";

Sfortunament però, kif tajjeb sostna l-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba' fid-deċiżjoni tiegħu fuq imsemmija il proviso li teżisti fl-Art.4 fejn tingħata ċertu protezzjoni speċjali lil min

ikun kerrej sew *tar-raba' liema raba'* tinkuldi razett li jkun l-unika post ta' residenza tiegħu u tal-familja tiegħu japplika biss fejn l-istess kerrej ikun kiser il-kundizzjoni 4 (2) (b) ta' l-istess Att u mhux f'ċirkostanzi oħra. F'dan il-każ jirriżulta li l-kerrejja intimati huma responsabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet 4 (2) (d) u 4 (2) (f) ta' l-istess Att, u għalhekk sfortunament din il-protezzjoni speċjali ma tapplikax fil-konfront ta' l-intimat Nikola Abela jew il-werrieta tiegħu;

Għal dawn ir-raġunijiet din il-qorti tiċħad ir-rikorsi ta' *l*-appell li saru u tikkonferma s-sentenza appellata. Tawtorizza lir-rikorrenti jirriprendu l-pussess sew ta' l-għalqa u sew tar-razzett in kwistjoni u tiffissa għall-finijiet ta' l-iżgumbrament it-terminu ta' *tliet xhur mil-lum għal dak li jirrigwarda l-għalqa*, però, tiffissa t-terminu ta' sitt xhur mil-lum fil-konfront ta' l-eredi ta' Nikola Abela għall-iżgumbardament mir-razett;

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu mir-rikorrenti appellanti u ċjoè l-intimati fl-ewwel istanza, ħlief għal dak li ntqal dwar l-opposizzjoni ta' l-appellata fejn għandha tbati l-ispejjeż hi.